

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2006/2018(BUD)

13.9.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Baġit

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja
2007
(C6-0000/2006 - 2006/2018(BUD))

Sezzjoni III - Kummissjoni

Rapporteur għal opinjoni: Peter Šťastný

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

DG Kummerċ

1. Jinnota li skond il-PDB (Abbozz Preliminari tal-Baġit) u d-DB (Abbozz tal-Baġit) 2007, il-baġit operazzjonali tad-DĠ Kummerċ (i.e linja 20 02 01) ser jiżdied b'29.1% fl-2007 sabiex jifinanzja l-attivitajiet finanzjarji ewlenin li ġejjin : Finanzi addizzjonali sabiex jifinanzjaw miżuri ta' aġġustament kummerċjali f'pajjiżi terzi kif identifikat fl-Studji ta' l-Impatt tas-Sostenibilità (SIA); Kontribuzzjonijiet għal inizjattivi ta' għajnuna globali relatata mal-kummerċ immexxija minn organizzazzjonijiet multilaterali; u inizjattivi ġodda ta' infiq li jirriżultaw mill-Komunikazzjoni 2006 dwar iċ-Ċina;
2. Jikkunsidra li t-tnaqqis fl-Abbozz tal-Baġit tal-Kunsill fl-ispejjeż amministrattivi relatati ma', fost l-oħrajn, l-istaff u l-maniġment tad-DĠ Kummerċ m'humiex ġustifikati u li l-figuri tal-PDB għandhom għalhekk jerġgħu jiddaħħlu;
3. Jinnota, pereżempju, li ż-żieda attwali fl-istaff prevista mid-DĠ Kummerċ għall-2007 tammonta biss għal 12-il uffiċjal, li hija figura moderata meta wieħed jikkunsidra l-isfidi li d-DĠ Kummerċ irid jaffaċċja matul is-sena d-dieħla;
4. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni dwar in-numru u n-natura ta' l-istaff li attwalment qed jaħdem fuq kwistjonijiet ta' kummerċ fid-delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'pajjiżi terzi, flimkien ma' evalwazzjoni tal-kapaċitajiet u tar-riżorsi ta' dawk id-delegazzjonijiet li jitrattaw l-isfidi dejjem jikbru tal-politika tal-kummerċ, b'mod partikolari l-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji emerġenti;

Għajnuna Relatata mal-Kummerċ (TRA)

5. Jisħaq li l-baġit tal-KE, fil-forma eżistenti tiegħu, ma jippermettix il-livell mixtieq ta' viżibilità, trasparenza u flessibilità għat-trasferiment ta' fondi ta' għajnuna relatata mal-kummerċ (TRA);
6. Jikkunsidra li l-linja tal-baġit "Għajnuna għall-Kummerċ" (20 02 03) għandha tkun iffinanzjata b'mod xieraq sabiex tiffinanzja inizjattivi ta' għajnuna orizzontali relatata mal-kummerċ, speċjalment f'kollaborazzjoni ma' aġenziji multilaterali, li jikkumplementaw u joffru valur miżjud reali lill-programmi ġeografiċi tal-KE;
7. Jisħaq li l-pleġġ tal-President tal-Kummissjoni li jżid għal EUR 1 000 000 000 fis-sena il-finanzi eżistenti u dawk ippjanati tal-KE sabiex tiġi appoġġjata l-kapaċità kummerċjali ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw għandu jiġi implimentat b'fondi ġodda mingħajr ma' għajnuna li qabel kienet ikklassifikata bħala infrastruttura issa tissemma' TRA jew mingħajr ma' tiġi inkluża għajnuna lil pajjiżi ta' l-ACP affettwati mir-riforma taz-zokkor;
8. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta rapport annwali lill-kumitat parlamentari kompetenti dwar l-iprogrammar u l-infiq tat-TRA sabiex il-Parlament ikun infurmat dwar trasferimenti ta' fondi relatati mat-TRA b'mod ġenerali u l-implimentazzjoni tal-"pleġġ Barroso" b'mod partikolari;

Kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati li m'humiex membri

9. Jisħaq li skond il-PDB u DB (Abbozz tal-Baġit) 2007 il-koperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati li m'humiex membri (i.e. il-linja 19 05 01) ser tiżdied b'35,8% fl-2007 sabiex tilħaq EUR 22 000 000; jinnota li, kif ġustifikat mill-Kummissjoni, din iż-żieda hija xierqa meta wieħed iqis it-twessieġ fil-kopertura ġeografika ta' l-istrument il-ġdid (minn 6 għal ħmistax jew possibilmment 17-il pajjiż) u d-diversifikazzjoni ta' l-attivitajiet tagħha;
10. Jinnota li l-Parlament għandu jiġi kkonsultat u għandu jesprimi l-opinjoni dwar l-istrument il-ġdid għall-koperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati li m'humiex membri skond il-proċedura xierqa;

Għajjnuna Makrofinanzjarja

11. Jinnota li l-Abbozz tal-Baġit (DB) 2007 naqqas l-appropriazzjonijiet tal-PDB għall-għajjnuna makrofinanzjarja (linja 01 03 02) b'19,5% f'impenji, minn EUR 79 591 000 għal EUR 57 201 000, u b'16.71% f'pagamenti, minn EUR 100 814 000 għal EUR 77 694 000;
12. Itenni li l-Għajjnuna Makrofinanzjarja (MFA) għandha tkun suġġetta għal immoniterjar u kundizzjonalità stretti għaliex l-UE ma tikkontrollax kif il-pajjiżi benefiċjarji jonfqu l-fondi ġenerali mhux allokatu ta' l-UE li jidħlu fil-baġit ġenerali tagħhom; jesprimi dispjaċir li l-MFA nieqsa minn bażi legali xierqa u għadha bbażata fuq deċiżjonijiet ad hoc tal-Kunsill meħuda għal kull operazzjoni; għalhekk jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn ta' regolament ta' qafas b'kodeċiżjoni dwar l-MFA li jsahha it-trasparenza, r-responsabilità, l-immoniterjar u s-sistemi ta' rappurtar;
13. Jisħaq li l-Parlament għandu jiġi kkonsultat dwar proposti ta' l-MFA kmieni biżżejjed sabiex ikollu ċ-ċans jesprimi l-opinjoni tiegħu u jadotta l-opinjoni tiegħu skond il-kalendarju u l-proċedura normali; għalhekk jinsisti li l-Kunsill għandu jistieden lill-Parlament sabiex jagħti l-opinjoni tiegħu dwar il-proposti tal-Kummissjoni relatati ma' l-MFA permezz ta' "proċedura ta' urġenza" biss meta jkun assolutament meħtieġ u wara ġustifikazzjoni xierqa.

PROĊEDURA

Titolu	Abbozz ta' baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 - Taqsima III - il-Kummissjoni
Numru tal-proċedura	2006/2018(BUD)
Kumitat responsabbli	BUDG
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	INTA
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Peter Šťastný 25.1.2006
Rapporteur ta' opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	11.7.2006
Data ta' l-adozzjoni	12.9.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Daniel Caspary, Giulietto Chiesa, Christofer Fjellner, Béla Glattfelder, Jacky Henin, Filip Andrzej Kaczmarek, Alain Lipietz, Erika Mann, Helmuth Markov, Georgios Papastamkos, Peter Šťastný, Johan Van Hecke, Daniel Varela Suanzes-Carpegna, Zbigniew Zaleski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Margrietus van den Berg, Robert Goebbels, Antolín Sánchez Presedo, Mauro Zani
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...